# XI KITTIEBA TAL-MALTI ĦAJJIN

Min kull kif jista' jagħmel ġid lil Artu ħaqqu l-ikbar tifħir, u ismu għandu jkun mnaqqax bi ħżuż li ma jitħassrux fil-qlub taż-żagħar u l-kbar, biex dawn għad ikunu jistgħu huma wkoll ikabbru l-ġieh ta' Art twelidhom, kif hu fid-dmir li jagħmel kull Malti. U x'ġid ma għamlux dawk in-nies li bid-dehen ta' moħħom ħasbu biex jagħtu f'idejn ħutna l-Maltin u l-Għawdxin kotba miktubin tajjeb, kollox kif jixraq, kotba li jiftħu l-moħħ bit-tagħlim u jgħaxxqu r-ruħ bl-imħabba ta' kull ma hu sabiħ, u ta' kull ma hu sewwa! Il-ġid li għamlu dawn il-kittieba hu bla tarf, għax il-pinna għandha saħħa li tisboq kull qawwa oħra. Daqqa ta' pinna ma jħassarha ħadd, imbilli, kif ingħidu aħna, il-miktub mhux maħrub, jiġifieri l-ħsebijiet tagħna meta nfissru-hom bil-kitba jieħdu ħajja li ma jtemmiha ħadd u xejn. Għalhekk kitba tajba, tagħmel ħafna ġid mhux biss fost in-nies li jgħixu fi żmien il-kittieb, imma wkoll fiż-żmenijiet li jiġu wrajh, meta hu jkun ġa telaq minn fost il-ħajjin; għax il-kotba tiegħu jibqgħu jinqraw bl-istess ħeġġa. Il-kittieba tajba huma ż-żina ta' pajjiżhom, u l-kittieba tagħna huma għalhekk ż-żina ta' Malta.

Kemm ħwejjeġ sbieħ nilmħu madwarna! ħarsa lejn wiċċ is-sema turina kotra ta' sħab jirgħa f'art tan-nar, bit-truf min-quxa rqiq, ta' għamliet ħelwin, qishom ilsna tal-ġahwar iħeġġu fix-xemx, inkella sħab bojod daqs il-qoton, telgħin għamla ta' għoljiet tas-silġ li meta jintlaqtu mill-imrieżaq tax-xemx igħam-mxu l-għajnejn, donnhom ħuġġieġa ta' dwal li l-Id ta' Alla biss taf tagħmel. Mhux biss is-sħab iżejjen il-ħolqien, imma ħafna ħwejjeġ oħra bħalma huma l-għana tal-agħsafar, l-ilwien tal-qawsalla, l-irtuba tal-ħaxix, it-taqtir tan-nida f'fomm il-ġilju, u min jaf kemm sbuħijiet oħra. Issa dawn is-sbuħijiet kollha min hu li jiflihom bir-reqqa, bil-ħeġġa ta' l-imħabba, min hu li jittajjar madwarhom bħal naħla ma' dwar il-ward? Tafu min? Bniedem li wiret mhux biss qalb li taf tħoss, imma li taf id-dewwaq lil ħutha minn dik il-ħlewwa li tħoss hi. Dan il-bniedem insejħulu l-poeta; intom lil dan qisuh il-għannej tal-ħolqien, ta' kull ma' hu sabiħ, ta' kull ma hu kbir. Kull ġens li mhux lura għal kollox, li hu mibni min-nies aħjar mis-slavaġ tal-Abbissinja, min-nies li jgħixu mhux biss bil-ġisem bħal bhejjem tax-xagħri, imma wkoll bir-ruħ, għandu l-poeti tiegħu. X'għajb kien ikun għalina l-Maltin li kieku aħna ma kenniex ukoll il-poeti tagħna biex fil-hemm tal-ħajja dawn itaffulna l-imrar, im-billi jfakkruna f'dak li ma jintemmx għax hu biċċa waħda minn Alla: is-sabiħ u s-sewwa.

Bil-ġid mela li aħna wkoll għandna l-poeti tagħna. Għandna lil Dun Karm, qassis li jaf jaħtar dak li hu ta' ġmiel, u jinseġ l-għanja tal-Ħajja. Dan il-poeta ħadem poeżijiet ta' ġmiel liema

bħalu, bħal ma huma *Non Omnis Moriar*, *Alla Mhux hekk*, *Bjuda*, *Żagħżugħ ta' Dejjem*, *Warda li tgħid Grajjietha*, *Il-Musbieħ tal-Mużew*, kollha miktubin b'sengħa ta' mgħallem, sengħa li sebbħet il-kelma Maltija, dik il-kelma li poeta Malti ieħor, il-professur A. Cuschieri, nisġilha waħda mill-isbaħ poeżijiet li għanna fi lsienna, għanja warda li xettlet fil-ħamrija ta' ġnien Malti. Ma' Dun Karm u Cuschieri ngħoddu oħrajn bħalma huma Ninu Cremona, surmast tal-Malti l-Liċeo, li dan l-aħħar ġabar l-għanjiet tiegħu fi ktieb msemmi *Weraq mar-Riħ*, Patri Delia S.J., R. Briffa, Carmelo Mifsud Bonnici, u ż-żagħżugħ Għawdxi, Ġorġ Pisani, mill-aħjar fis-sengħa tal-poeżija, awtur ta' żewġ għanjiet il-ġmiel tagħhom, *Ħaġar Qim* u l-*Ggantija*.

Wara l-kittieba li jinsġu s-sbuħija tal-ħolqien insemmi lil dawk li jinsġu ġrajjiet il-bniedem li fihom ukoll il-poeżija tagħhom. U l-poeżija taż-żmien jatihilna dak il-bniedem li għandu d-dehen u s-sabar biżżejjed jistudja ż-żmien tal-imgħoddi u t'issa biex jara x'hemm bejniethom li jgħaqqadhom flimkien. Dan insejħulu l-istoriku, jiġifieri dak li jikteb bir-reqqa l-istorja ta' kull ma għadda mill-pajjiż. Ix-xogħol tiegħu jista' jixxiebah lill-ħnejja li torbot żewġt ixtut mifrudin minn xulxin b'baħar kbir. U, tabilħaq, l-istoriku bix-xogħol tal-istudju tiegħu jwaqqaf ħnejja bejn iż-żmien tal-lum u l-imgħoddi. L-istorja nistgħu ngħidulha għalhekk l-poeżija tal-imgħoddi. U forsi mhux sabiħ qisu poeżija x-xogħol li l-istoriku jrid jagħmel biex jinfed id-dlam ċappa tal-ibgħad żmenijiet, żmenijiet meta f'Malta kienu jimirħu bhejjem ta' daqs li jwaħħxek, meta n-nies flok f'palazzi, jew għorof kennin, kienu jgħammru fl-egħrien, meta l-biċċa l-kbira tad-dinja kienet għadha mbarrġa bis-silġ, u l-art mxaqqa bit-theżżiż waħda f'waħda! F'din ir-rimja ta' studju għandna fost l-oħrajn lil l-Professur Sir Temi Zammit, awtur ta' ktieb li fih ġera ġirja ħafifa mal-istorja tal-Gżejjer Maltin, u x-xogħlijiet tal-ħabrieki E. B. Vella li qed joħroġ l-istorja tal-irħula ewlenin ta' Malta, storja li tibda sa' minn l-ewwel żmenijiet bla miktuba. E. B. Vella mhux l-ewwel wieħed li kiteb l-istorja tagħna bil-Malti, iżda hu l-ewwel wieħed li ta xejra serja lil dan l-istudju mbilli kiteb ix-xogħlijiet tiegħu b'Malti tajjeb. Sa issa ħareġ: *Ħaż-Żabbar bil-Ġrajja Tiegħu*, *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk*, *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha*, *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal il-Ġdid*.

Mhux biss l-art li ngħixu fiha għandha l-istorja tal-imgħoddi tagħha, imma wkoll l-ilsien Malti, li jaqdina kull jum biex nfissru bil-kliem dak li naħsbu u nħossu. U l-istorja tal-Lsien Malti wkoll għandha l-poeżija tagħha, għax kull kelma tista' tkun muftieħ li tberraħ il-bieb ta' Dar kbira ħafna li teħodna fi triq li tinfed ma' l-ewwel żmenijiet tal-ħajja tal-Maltin. Għalina l-ilsien tagħna qisu muftieħ tal-ilsna semin, jiġifieri ta' l-ilsna li jitħadtuhom in-nies tal-Lvant, bħalma huma l-Għarbi u l-Lhudi. Biex niftiehmu; nieħdu l-kelma *Babilu*, l-isem ta' dik il-belt

qadima fejn xi boloh riedu jtellgħu bini jilħaq ma' wiċċ is-sema sa ma Alla ħawwadhom. Din il-kelma *Babilu* xi tfisser? Ressaqha lejn il-Malti u tara li tfisser "Bieb Alla". Ara, Bab hi l-kelma *bieb* tagħna, Ilu tfisser Alla. Mela Babilu tfisser Bieb Alla. Jidher li l-Malti għandu x'jaqsam min-naħa jew oħra, mal-lsien tal-eqdem belt tad-dinja li darba waħda, qabel ma ħarbatha ż-żmien, kienet nexxiegħa ta' għerf. Fil-ġrajja tal-Assirja u tal-Babilonja, bliet qodma daqs tlett elef sena qabel Kristu, insibu illi l-palazz tas-sultan Sargon kellu l-isem *Dur Sarkon.* Min ma jarax illi din il-kelma *Dur* hi l-kelma li bil-Malti nsejħulha Dar, u li għalhekk Dur Sarkon, tfisser id-Dar tas-sultan Sargon? Mela mal-Malti hemm marbuta storja qadima ħafna, u għalhekk aħna nitħadtu lsien li għandu jkun għażiż għandna, l-ewwelnett għax lilu Alla tana, it-tieninett il-għaliex għal min jaf iħares lejh hu muftieħ tal-Għerf. Kiteb fuq ix-xebh tal-Malti mal-ilsna semin qodma l-professur Dun P.P. Saydon, imbarra f'xi artikoli mxerrdin, fi ktieb msemmi *Il-Malti u l-Ilsna Semin.* Imma xogħol akbar li qed jagħmel dan il-Professur ħabrieki hu l-qlib mil-Lhudi għal Malti tal-Kotba Mqaddsa, dawk il-Kotba li huma l-ewwel ħmira tal-ħajja nisranija, u l-qofol tat-twemmin tagħna. Il-Malti ta' Saydon hu Malti safi, maħdum skond is-sengħa tal-kitba, bla xejn kliem li mhux mill-barriera tagħna meta ma hemmx għalfejn tissellef. Ix-xogħol li qed jagħmel dan il-kittieb hu xogħol tal-bronż.

Hawn ma nistax ma nsemmix lis-sur Ġann Vassallo li ħajtu kollha jistudja l-bini tal-kliem Malti biex jagħti reguli sħaħ f'idejn il-kittieba Maltin, ħalli dawn kollha jiktbu tajjeb xorta waħda, mhux wieħed ma jaqbelx ma l-ieħor. Miegħu nsemmu s-sur Nin Cremona li għaqqad fi ktieb msejjaħ "It-Tagħrif" ir-reguli tal-kitba skond il-fehma tal-"*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*".

Kittieb ieħor li għamel ħafna ġid hu s-Sur Fons Galea, kittieb ta' bilħaqq jingħoġob, mexxej, idoqq u ħelu. Min f'Malta u Għawdex ma jafx bil-kotba ta' fejda kbira li hu kien joħroġ għat-tagħlim tal-ħaddiema, bl-isem ta' *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*, ġemgħa ta' kotba ħafna minnhom jiswew mitqilhom deheb! X'kiteb is-Sur Fons? U kif tibda tgħid x'kiteb bniedem li l-pinna tiegħu qisha għajn li minnha jfawru gliegel ta' ilma. Biżżejjed tgħid li hu kiteb ħafna u tajjeb biex jagħmel il-ġid lil dawk li ma jafux jaqraw ħlief bil-Malti, u li, flimkien mal-mibki Dun P. Pawl Grima, qaleb bil-Malti xi kotba ta' l-Iskrittura.

Imma l-bniedem l'hawn u l'hinn irid ftit tal-mistrieħ, u xi ħlieqa żżommu ferħan, għax id-dinja trid taf teħodha biex tis-tgħallha. Għalhekk sewwa tgħożż xi ċajta li ma tagħmelx deni, xi ċajta li tagħrxek sa ma ddaħkek. Għax, kos! min hu dejjem bil-geddum qajla hu f'dinja, aktarx kollox idejqu, u kulħadd jinfiskah. Daħka tajba żżidlek fil-għomor, u min jaqra n-novelli tal-Professur Sir T. Zammit, għandu jqatta' siegħa tajba, għax

f'dawn in-novelli jagħmel ħbieb ma' nies ta' kull xorta, l-aktar nies tar-raħal xi drabi boloh ħsara, u xi darba ħżiena għal aħħar. Ma' dawn il-ħbieb li ħarġu minn ras Temi mhux darba u tnejn ninfexxu nidħku meta narawhom jagħmlu ħwejjeġ ta' taħt fuq mingħajr lanqas biss jintebħu. Dan il-kittieb hu ewlieni fil-kitba tan-novelli ċajtieri. Jikteb Malti mill-aħjar, għani fil-kliem, u mżewwaq fin-nisġa tas-suġġetti. Ta' min jaqrahom kollha n-novelli tiegħu għax hemm x'titgħallem, u fuq kollox tidħak mhux ftit sa' tħossok aktar f'saħħtek donnok xrobt xi duwa saħħara, għax, kif għidt, daħka tajba żżidlek fil-għomor.

Dawn huma, fost oħrajn li ma semmejthomx mħabba n-nuqqas tal-wisa', xi wħud mill-aħjar kittieba tal-Malti li għadhom ħajjin, nies li għanna nibqgħu nafuhulhom talli bis-sabar, u d-dehen ta' moħħhom, tawna f'idejna kotba li jixbħu lil dak l-ikel li għax hu bnin u tajjeb jibni ġisem sħiħ. Nagħarblu tajjeb kull ma kitbu għall-ġid tagħna, imbilli naqraw u niflu l-kotba tagħhom, dawk il-kotba li kabbru l-ġieh tal-Bandiera tagħna bajda u ħamra, u ta' dak li ma tistax tifirdu mill-bandiera, l-Ilsien Malti.

ĠUŻE AQUILINA.